MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-2 ta' April, 2014

Appell Kriminali Numru. 500/2012

Il-Pulizija

(Spettur Dennis Theuma)

vs

**Brian Sciberras**

iben Salvatore, imwieled Pieta', fit-28 ta' Mejju, 1976, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 291076(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Brian Sciberras quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta rneta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-irnportazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pusess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-10 ta’ Ottubru, 2012 fejn il-Qorti wara li rat
it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939 issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, u kkundannatu ghal hlas ta' multa ta' seba mija u hamsin Euro (€750.00), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50.00), b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-1 ta' Novernbru 2012, b’dan li jekk l-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit f’prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull harnsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Ordnat ulterjorment, ai termini tal-Artikolu 28B(l) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-piena ta' prigunerija ta' sittax-il xahar habs sospizi ghal sentejn moghtija permezz ta' sentenza fl-ismijiet premessi mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-9 ta' Novembru 2005, kif estiza ghal sentejn ohra b’sentenza tal-istess Qorti moghtija fit-23 ta' Mejju 2007 tigi reza operattiva.

Rat ir-rikors tal-appellant Brian Sciberras tat-22 ta’ Ottubru, 2012 fejn talab li din il-Qorti jogghobha tirrifroma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti fejn sabitu hati ta' l-ewwel imputazzjoni, filwaqt illi thassarha u tirrevokaha in kwantu ordnat illi l-piena ta' sittax-il xahar (16) prigunerija sospizi ghal sentejn (2), moghtija lilu permezz ta' sentenza fl-ismjiet premessi mill-Qorti tal-Magistrati fid-disgha (9) ta' Novembru tas-sena elfejn u hamsa (2005), kif estiza ghal sentejn ohra b'sentenza ohra datata t-tieta u ghoxrin (23) ta' Mejju tas-

sena elfejn u sebgha (2007), tigi reza operattiva. Alternattivament tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena, billi minflok tigi mposta piena ekwa u gusta ghall-kaz odjern.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Fl-ewwel lok, bhala l-ewwel aggravju, l-appellant jirrileva illi huwa ma setax jinstab hati li wettaq dan ir-reat waqt il-perjodu operrativ ta' sentenza, u b' hekk tigi reza operattiva s-sentenza ta' sittax-il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn li huwa kien wehel precedentement u cioe' fid-disgha (9) ta' Novembru tas-sena elfejn u hamsa (2005) kif iddecidiet l-Ewwel Onorabbli Qorti, u dan peress illi l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprezenta l-ahjar prova u cioe' s-sentenza originali fejn l-appellant kien wehel dawn sittax-il xahar (16) prigunerija. F'dan ir-rigward ikun tajjeb illi jgi spjegat lil din l-Onorabbli Qorti kif l-Ewwel Qorti waslet sabiex issib fih htija fl-appellant u b'hekk tirrendi operattiva s-setenza ta' sittax-il xahar (16) prigunerija, kif spjegat aktar 'il fuq.

Il-prosekuzzjoni, akkuzat lill-appellant bil-pussess semplici ta' l-eroina. Peress illi l-appellant kien ammetta l-pussess semplici tad-droga mal-Pulizija, u peress illi l-pussess semplici mhux normalment li jigi punit b'terminu ta' prigunerija effettiv mill-Qrati taghna, l-appellant ammetta l-unika akkuza migjuba fil-konfronti tieghu sa minn l-ewwel seduta quddiem l-Ewwel Qorti, u anke wara li anke nghata zmien sabiex jikkunsidra l-istess ammissjoni, huwa kkonfermaha. Dak in-nhar, il-Qorti, kif solitament isir wara li tigi registrata ammissjoni, talbet lill-Prosekuzzzjoni sabiex fil-mori tad-differiment, tipprezenta l-fedina penali aggornata ta' l-imputat, u b'hekk il-kawza thallit ghas-seduta li jmiss sabiex tinghata s-sentenza.

Fis-seduta sussegwenti, il-prosekuzzjoni talbet lill-Qorti sabiex temenda l-akkuza, billi tigi wkoll mizjuda akkuza ohra u cioe' dik illi l-imputat wettaq ir-reat matul il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza u b'hekk kiser il-kondizzjonijiet imposti fuqu b'sentenza datata t-tlieta u ghoxrin (23) ta' Mejju tas-sena elfejn u sebgha (2007), liema kellha ghalhekk tigi reza operattiva. Il-Qorti laqghet it-talba tal-prosekuzzjoni u l-appellant gie notifikat bl-akkuza kif mizjuda. Il-Qorti ddiferiet il-kawza, sabiex ai termini ta' l-artikolu 28D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, id-difiza u il-prosekuzzjoni jitrattaw il-kwistjoni tas-sentenza sospiza. Intant, fil-mori tad-differiment, il-prosekuzzjoni ezebit s-sentenza datata tlieta u ghoxrin (23) ta' Mejju tas-sena elfejn u sebgha (2007) li fid-decide din is-sentenza tghid biss 'In oltre, din

il-Qorti testendi s-sentenza sospiza ta' l-erbgha (4) ta' Novembru elfejn u hamsa (2005), ghal sentejn (2) ohra li jibdew mid-data ta' din is-sentenza, u cioe' t-tlieta u ghoxrin (23) ta' Mejju tas-sena elfejn u sebgha (2007),'

Fis-seduta ta' wara, wara zewg (2) differimenti mitluba mid-difiza, l-imputat, tramite l-konsulent legali tieghu, informa lill-Qorti li huwa kien qed jirtira l-ammissjoni tieghu, filwaqt illi talab illi l-proceduri odjerni jigu dikjarati nulli u bla effett jew alternettivament il-Qorti tordna l-isfilz ta' l-istqarrija ezebita stante li giet rilaxxata minghajr assitenza legali, u konsegwentement tillibera lill-imputat fuq nuqqas ta' provi, stante li din l-isqarrija kienet l-unika prova migjuba kontra tieghu.

Permezz ta' Digriet datat tnax (12) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012), il-Qorticahdet it-talba ta' l-appellant sabiex jirtira l-ammissjoni tieghu, u astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba tieghu u cioe' sabiex il-proceduri jigu dikjarati nulli jew alternattivament sabiex tigi sfilzata l-istqarrija tieghu, u b'hekk ordnat il-procediment tal-kawza.

Inoltre, irrevokat contrario imperio d-digriet taghha datat il-hamsa u ghoxrin (2005) ta' Frar tas-sena kurrenti fejn kienet laqghet it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tigi mizjuda t-tieni akkuza u cioe' li l-impuat kiser il-kondizzjoni ta' sentenza sospiza, u dan peress illi l-prosekuzzjoni ghamlet it-talba taghha meta l-kawza kienet diga differita ghas-sentenza.

Illi l-aggravju ta' l-appellant jitratta l-fatt illi kif diga' ntqal qabel, il-prosekuzzjoni naqset milli tipproduci l-ahjar prova, u cioe' s-sentenza originali li kienet ikkundannat lill-appellant ghal perjodu ta' prigunerija. Ghalhekk, l-appellant ma setax jinstab hati illi wettaq dan ir-reat waqt il-perjodu operattv ta' sentenza, stante li minn l-unika sentenza ezebita minnhom ma jirrizultax il-perjodu ta' prigunerija illi kien wehel, u ghalhekk il-perjodu hekk estiz ma jirrizultax. Dan peress illi s-sentenza li ghogobha tipprezenta l-prosekuzzjoni, u cioe' dik tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Mejju tas-sena elfejn u sebgha (2007), tghid biss illi dik il-Qorti qed testendi s-sentenza sospiza tad-disgha (9) ta' Novembru elfejn u hamsa (2005), ghal sentejn (2) ohra li jibdew mid-data ta' din is-sentenza, u cioe' t-tlieta u ghoxrin (23) ta' Mejju tas-sena elfejn u sebgha (2007), u dan minghajr ma' jemergi x'sentenza nghatat originarjament u ghalhekk x'kien effettivament wehel l-appellant bhala piena karcerarja. Konsegwentement, lanqas il-kondizzjoni skont kif imposta fis-sentenza originali, ma jirrizultaw. Dan ifisser illi

fil-prattika, il-prosekuzzjoni qisu ma ezebiet ebda sentenza, u ghalhekk ebda prova illi l-appellant kiser xi kondizzjoni.

Il-prosekuzzjoni, li dejjem hija obbligata li tipprezenta l-ahjar prova, kellha ghalhekk tezebixxi z-zewg sentenzi sabiex l-Ewwel Onorabbli Qorti setghet ssib htija.

Fil-fatt, tant hu hekk, illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha taghmel hi x-xoghol tal-prosekuzzjoni u dan billi tirricerka u tfittex is-sentenza hi. Bir-rispett kollu jigi sottomess, illi l-kompitu ta' Qorti huwa biss illi tiddeciedi jekk hemmx htija o meno, mill-provi ezebiti fil-process biss u cioe' fuq il-provi li ghandha quddiemha biss.

F'dan il-kaz il-Qorti kellha quddiema biss il-fedina penali ta' l-appellant, li certament ma tistax titqies bhala l-ahjar prova, u sentenza li minnha ma jirrizultax il-perjodu ta' prigunerija li originarjament kien wehel l-appellant. Konsegwentement, l-appellant qatt ma seta jinstab hati li wettaq dan ir-reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza, stante li minn l-unika sentenza ezebita ma ngibitx prova ta' x'gie estiz. Jinghad illi l-fedina penali mhux l-ahjar prova li l-prosekuzzjoni tista' tezebixxi, u tant hu hekk, illi l-istess Prosekuzzjoni dejjem hija obbligata li tezebixxi s-sentenza in kwistjoni.

Sussidjarjament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-tieni aggravju ta' l-appellant jirrigwadja dik li hija piena u dan peress illi huwa jissotometti illi l-fatt illi wehel sittax il-xahar prigunerija effettiva, kien eccessiv fic-cirkostanzi partikolarissimi ta' dan il-kaz, l-aktar fid-dawl tal-fatt illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha l-fakolta' li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-fatt illi l-appellant wettaq dan ir-reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza.

Dan qed jinghad ghal diversi ragunijiet. Fl-ewwel lok, peress illi kif diga' gie spjegat aktar qabel, il-Prosekuzzjoni naqset milli tipproduci l-ahjar prova u il-fatt illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ssollevat il-kwistjoni 'ex officio', certament li pogga lill-appellant fi zvantagg .

Fit-tieni lok, jigi umilment sottomess ukoll illi s-sentenza sospiza li giet reza operattiva, tirrisali ghas-sena elfejn u hamsa, u certament illi hemm trapass konsiderevoli ta' zmien minn meta l-appellant instab hati taghha. Fil-fatt, ghaddew cirka seba' (7) snin mid-data ta' din il-kundanna. Inoltre, wiehed ma jistax jiskarta l-fatt illi f'dawn il-proceduri, l-appellant kien

akkuzat biss bil-pussess semplici ta' droga, li ta' din l-akkuza spicca wehel sittax-il xahar (16) pruginerija.

Inoltre, l-appellant kien anke segwa parti minn programm ghal problema tieghu minn l-abbuzz ta' droga, u dan kif evidenzjat mix-xhieda ta' Victoria Scicluna, tal-Agenzija Sedqa, li xehdet f'dawn il-proceduri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi essenzjalment  l-aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-fatt li l-ewwel Qorti gabet fis-sehh sentenza moghtija fid-9 ta' Novembru, 2005 fejn l-appellant kien gie kkundannat ghal piena ta' sittax il-xahar prigunerija sospizi ghal sentejn.  Gara li l-appellant kien gie kkundnnat b'sentenza ohra tat-23 ta' Mejju, 2007 fejn dik il-kundanna ta' sittax il-xahar kienet giet estiza ghal sentejn ohra.  Gara li l-kawza meritu ta' dan l-appell jirrigwarda kaz ta' pussess ta' eroina li gara fis-17 ta' Marzu, 2009 u fit-tmien xhur ta' qabel.  Ghalhekk, l-appellant inqabad li wettaq reat fil-perjodu ta' sentejn minn meta giet estiza din is-sentenza ghat-tieni darba.

Illi l-appellant qed jilmenta li fil-fehma tieghu kienet il-Qorti li hadet l-inizjattiva biex titratta dwar dan il-problema meta l-prosekuzzjoni ezebit biss is-sentenza tat-23 ta' Mejju, 2007.  Fil-fatt din is-sentenza semplicement esteniet it-terminu minghajr ma ndikat il-piena li qed tigi estiza.  Mhemmx dubju li dan il-fatt jindika l-mod superficjali li bih imxiet il-prosekuzzjoni. Dan il-fatt mhux bizzejjed li tasal tghid li l-ewwel Qorti ma kellhix tidhol fiz-zarbun tal-prosekuzzjoni u taghmel ix-xoghol tal-prosekuzzjoni.  L-artikolu 28D tal-Kodici Kriminali jaghti din il-fakolta' lill-Qorti biex timla l-lacuna jew ahjar in-nuqqas tal-prosekuzzjoni.  Fil-fatt, mill-qari tas-sentenza tal-ewwel Qorti jirrizulta ampjament car li l-ewwel Qorti mxiet mad-dettami tal-artikolu 28D tal-Kodici Kriminali u kienet idderferriet il-kawza biex jigi trattat dan il-punt.  Tant hu hekk li l-ewwel Qorti ma strahitx fuq il-fedina penali tal-appellant.  Kieku ghamlet hekk, kien ikun hemm problema ghaliex il-fedina penali mhiex l-

ahjar prova biex tigi analizzat l-istorja gudizzjarja ta' persuna. Marret oltre, u ordnat li z-zewg sentenzi hawn fuq imsemmija jigu ezebiti u tat zmien biex dawn jigu studjati mill-partijiet. Dawn il-konsiderazzjonijiet iwasslu ghall-konkluzjoni li din il-Qorti ma tistax tilqa dan l-aggravju mressaq mill-appellant.

Illi ghandu jigi konsiderat il-fatt li skont l-appellant il-piena ta' sittax il-xahar prigunerija hi wahda eccessiva fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz. Il-piena ta' sittax il-xahar kienet giet erogat fuq fatti li taw lok ghas-sentenza tad-9 ta' Novembru, 2005. Hu veru li minn dak in-nhar ghaddew iktar minn tmien. Min-naha l-ohra, l-appellant kien gie moghti possibilta' ohra fit-23 ta' Mejju, 2007 izda ghogbu ma jaghmilx tezor ta' dik l-opportunita' li dik il-Qorti taghtu. Din il-Qorti hasbet fit-tul fuq id-diversi 'options' li joffri l-artikolu 28B(2) tal-Kodici Kriminali. Fil-fatt, hi konxja tal-fatt li tista' wkoll tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz. Jirrizulta li l-appellant ilu jirrikorri ghas-servizzi ta' 'support' minhabba l-vizzju tieghu tad-droga mis-sena 2001. Ma jistax jinghad li hu ghamel xi sforzi kbar izda uza s-servizzi kif qabillu tant li jirrizulta li beda jerga juza s-servizzi minn Mejju, 2012. L-appellant kellu jifhem li l-ahhar eghmil tieghu kienet ser twasslu sa dan il-punt - 'a point of no return'. Ghalhekk, din il-Qorti mhiex tal-fehma li ghandha tvarja l-konkluzjonijiet milhuqa fuq dan il-punt mill-ewwel Qorti.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tichad l-appell ta' Brian Sciberras u tikkonferma fl-intier taghha s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------